# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-llum it-Tnejn 29 ta’ April, 2024**

**Rikors Ġuramentat 189/2024MH**

**Numru:**

**Fl-ismijiet Construct Furniture Company Limited**

**Vs**

**Daniel Azzopardi f’ismu propju u f’isem Il-kumpanija Malta Precious Metals Refinery Ltd**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors Ġuramentat tas-soċjeta’ rikorrenti fejn ġie premess illi:**

1. *Illi fl-2023 is-soċjeta’ rikorrenti pprovdiet servizzi lis-soċjeta’ konvenuta Malta Precious Refinery Ltd u dan versu l-prezz komplessiv ta’ tmienja u tlettin elf, disa’ mija ħames u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€38, 995.46) hekk kif deskritt fil-fattura bin-numru 204066 datata l-15 ta’ Lulju, 2023, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CF1.*
2. *Illi l-konvenut Daniel Azzopardi kemm-il darba wiegħed li ser iħallas lir-rikorrenti l-bilanċ dovut, inkluz permezz ta’ skrittura privata datata l-21 ta’ Lulju, 2023 (vide Dok. CF2) partikolarment billi l-konvenut obbliga ruħu li jħallas l-ammont sħiħ sa mhux aktar mill-4 ta’ Awwissu 2023.*

3. *Illi minkejja dan il-ftehim fis-seħħ, u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, il-konvenut baqa' inadempjenti, bil-konsegewenza li d-debitu għadu dovut sal-preċenti.*
4. *Illi hekk kif ser jiġi ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont hawn fuq pretiż. Iżda għalkemm ġie mitlub iħallas u avolja ammetta diversi drabi li sejjer iħallas u ipprometta li sejjer jagħmel hekk f'diversi dati, sal lum baqa' ma kkonformax ruħu.*
5. *Illi eventwalment is-soċjeta' rikorrenti ma kellhiex triq oħra ħlief li tintavola Mandat ta' Sekwestru (numru 189/2024) fil-konfront tal-konvenuti, liema mandat ġie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Frar, 2024, u damn purament sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha u tazigura li titħallas dak kollu li hun dovut lilha;*
6. *Illi dan id-debitu huwa ċert likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
7. *Illi għalhekk is-soċjeta' konvenuta Malta Precious Metals Refinery Limited w ukoll Daniel Azzopardi li konguntament assuma dan id-dejn f'ismu propju, huma debitturi fis-somma ta' tmienja u tlettin elf, disa' mija ħamsa u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€38,995.46), rappresententi s-somma globali ta' servizzi u merkanzija provduti mis-soċjeta' rikorrenti.*
8. *Illi għalhekk kellha ssir din it-talba.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, is-soċjeta' rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

I. *Taqta' u tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*
II. *Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tmienja u tletin elf, disa' mija ħamsa u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċentezmu (€38,995.46), rappresentanti servizzi u merkanzija provduti lill konvenut u dan ai termini tas-skrittura privata datata 21 ta' Lulju, 2023;*
III. *Tikkundana lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tmienja u tlettin elf, disa' mija ħamsa u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€38,995.46), hekk likwidata bl-imgħaxijiet kollha dovuti u dan fi żmien perentorju u taħt dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq tmienja u tlettin elf, disa' mija ħamsa u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€38,995.46),opportun.*

*Bl-imgħax legali mid-data tal-preżenti u bl-ispejjeż kompriżi l-preżenti u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 189/2024 filwqt li l-konvenuti qegħdin minn issa jiġu ngunti in subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha datat 27 ta' Frar, 2024.[1]

Rat li fis-seduta tad-29 ta' April, 2024 ġiet presentat nota ta' ammissjoni tal-konvenuti kollha[2] dan fil-presenza ta' l-istess Daniel Azzopardi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat.

Illi fuq ammisssjoni kif registrata isib lit-talba attriċi għandha tintlaqa' u konsegwentement taqta' u tiddeċiedi illi:

**Billi tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;**

**Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tmienja u tletin elf, disa' mija ħamsa u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċentezmu (€38,995.46), rappresentanti servizzi u merkanzija provduti lill konvenut u dan ai termini tas-skrittura privata datata 21 ta' Lulju, 2023;**

**Tikkundana lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tmienja u tlettin elf, disa' mija ħamsa u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€38,995.46), hekk likwidata bl-imgħaxijiet kollha dovuti u dan fi żmien perentorju u taħt dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq tmienja u tlettin elf, disa' mija ħamsa u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€38,995.46),opportun.**

[1] Folio 12.
Seduta 28/4/24

**Bl-imgħax legali mid-data tal-preżenti u bl-ispejjeż kompriżi l-preżenti u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 189/2024.**

**Onor Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Deputat Reġistratur**